MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 726/2008

**HARBOUR MANAGEMENT LIMITED** (C29326),
ta’ Manoel Island Marina, Manoel Island, Gzira

vs.

L-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u
l-Prokuratur Legali Victor Bugeja b’digriet
tal-25 ta’ Settembru 2008 gew nominati
kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil
**S.Y. Tethys**, bastiment irregistrat il-Germanja
proprjeta’ ta’ Günther Klemenz,
individwu ta’ nazzjonalita’ Germaniza

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fit-18 ta’ Lulju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. illi d-dikjarant huwa direttur tas-socjeta' attrici u jinsab debitament awtorizzat sabiex jahlef din id-dikjarazzjoni guramentata;

2. illi oltre ghal djun antecedenti li fuqhom il-bastiment konvenut huwa debitur versu s-socjeta' attrici b'sentenza li ghaddiet in gudikat [avviz numru 655/2004MM deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Frar 2006] u kif ukoll b'sentenza f'kawza ohra [rikors numru 335/2007MM, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Lulju 2008], l-istess bastiment konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ulterjuri ta' erbatax 'il-elf hames mija u tlettax Ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€ 14,513.21), liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal € 10,362.45 skond fattura datata 20 ta' Ottubru 2007 (numru ta' referenza 00016773), (b) kwantu ghal € 3,694.20 skond fattura ohra datata 1 ta' Jannar 2008 (numru ta' referenza 00018539), u (c) kwantu ghal € 456.56 skond fattura ohra datata 13 ta' Frar 2008 (numru ta' referenza 00018244), u dan kollu in konnessjoni ma' servizzi ta' sorveljanza (fattura numru 00016773), irmigg (fattura numru 00018539) u provvizzjoni ghal assigurazzjoni (fattura numru 00018244) moghtija lill-istess bastiment konvenut;

3. illi prezentement, il-bastiment konvenut jinsab f'Malta izda jidher li l-istess bastiment m'ghandux kaptan jew persuna ohra li qed taqdi dawk id-dimirijiet u, fin-nuqqas ta' dawk il-persuni, jidher ukoll li lanqas biss ma hemm agent tal-istess bastiment;

4. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. illi l-fatti hawn dikjarati id-dikjarant jaf bihom kollha personalment;

Talbet ghar-ragunijiet hawn qabel premessi li l-bastiment konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax 'il-elf hames mija u tlettax Ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€ 14,513.21).

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata permessa mill-ligi, ilkoll kontra l-bastiment konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat it-twegiba mahlufa tal-kuraturi deputati Dr Renzo Porsella Flores u il-PL Victor Bugeja, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza u ser jaghmlu l-almu taghhom ma sidien il-vapur TETHYS – li ghalih huma nhatru biex jidhru – biex jigbru t-taghrif mehtieg; ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu Twegiba Mahlufa ohra aktar ‘il quddiem;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Ikkunsidrat :

Illi ix-xhud Pierre Balzan imsejjah mis-socjeta’ attrici qal illi huwa direttur tas-socjeta’ attrici u qal illi s-socjeta’ attrici kienet hadet il-Manoel Island Marina minghand il-Gvern u illi l-bastiment konvenut S. Y. Tethys kien ibbertjat l-Imsida Marina. Is-sidien kienu telqu minn Malta u sal-lum ghadhom ma irritornawx izda il-yacht baqa hemm hekk. Huwa xehed illi minkejja illi ipprezentaw diversi kawzi fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kawzi huma rebhuhom, il-posizzjoni baqghet l-istess, fis-sens illi l-berthing fees baqghu qatt ma thallsu mis-sidien tal-bastiment konvenut.

Illi l-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti, fosthom is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati imsemmija minn Pierre Balzan fix-xhieda tieghu.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju fid-9 ta’ Frar 2010 illi fiha Dr Porsella Flores iddikjara illi ma kien irceva l-ebda komunikazzjoni fuq dan il-kaz u ghalhekk ma kellux provi xi iressaq u lanqas ghamel kontro-ezami lix-xhud Pierre Balzan.

Rat illi hadd mill-partijiet ma ipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat :

Illi f'din il-kawza l-Qorti bil-fors trid toqghod fuq ix-xiehda moghtija minn Pierre Balzan, Direttur tas-socjeta' attrici, peress illi kif diga intqal, il-kuratur deputat ma irnexxielux jikkomunika mar-rapprezentanti jew sidien tal-bastiment Tethys.

Illi s-servizzi moghtija lill-bastiment konvenut mis-socjeta attrici huma spjegati u elenkati mill-fatturi esebiti fil-process, kif ukoll mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati illi wkoll gew esebiti u l-Qorti ghalhekk tara illi s-socjeta' attrici irnexxielha tipprova it-talbiet kollha taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita taghhom premessa sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbatax 'il-elf hames mija u tlettax Ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€14,513.21); Bl-ispejjez kif mitluba u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------